RIŻOLUZZJONI (UE) 2021/1615 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-29 ta' April 2021

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2019

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2019,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0081/2021),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2019 kien ta' EUR 330 107 000, li jirrappreżenta żieda ta' 14,36 % meta mqabbel ma' dak tal-2018; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi skont l-Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896 ([2]) il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fit-twettiq tal-kompiti tagħha f'dak ir-Regolament f'konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta'), u d-dritt internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Protokoll tal-1967 tagħha, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-obbligi relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement*. billi r-Regolament (UE) 2019/1896, mhux biss ipprovda riżorsi ġodda għall-Aġenzija fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, imma stabbilixxa wkoll mekkaniżmu indipendenti intern komprensiv ġdid imfassal biex jimmonitorja l-konformità tal-attivitajiet operattivi tal-Aġenzija mad-drittijiet fundamentali; billi dan il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq ir-rwol imsaħħaħ u l-indipendenza tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija li jirrapporta lill-bord maniġerjali iżda wkoll li jsir awtorità tal-ħatra delegata għall-persunal proprju;

C. billi skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għandu jiġi assistit minn viċi uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u tal-inqas 40 osservatur tad-drittijiet fundamentali li jaġixxu taħt is-superviżjoni ġerarkika tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali bħala "għajnejn u widnejn" fuq il-post;

D. billi l-Pjan Direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta 2.0 li l-Aġenzija u l-Kummissjoni stabbilew f'Lulju 2019, saħaq fuq il-ħtieġa li l-qafas rilevanti għall-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali jinġieb f'konformità mal-ittra u l-ispirtu tar-Regolament (UE) 2019/1896, b'mod partikolari fir-rigward tar-reklutaġġ ta' 40 osservatur tad-drittijiet fundamentali sal-5 ta' Diċembru 2020;

E. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2019 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari; billi l-Qorti reċentement nediet awditu biex teżamina jekk l-Aġenzija s'issa pprovdietx appoġġ effettiv lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' ġestjoni Ewropea integrata tal-fruntieri li ser tiġi ffinalizzata fl-2021;

([1]) ĠU C 143, 30.4.2020, p. 6

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

F. billi l-Ombudsman Ewropew fetaħ inkjesta (CASEOI/5/2020/MHZ) biex jivvaluta kif l-Aġenzija tittratta l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari biex jivvaluta l-effettività u t-trasparenza tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-Aġenzija għal dawk li jemmnu li d-drittijiet tagħhom ma ġewx irrispettati fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija fil-fruntieri, kif ukoll ir-rwol u l-indipendenza tal-uffiċjal tal-Aġenzija għad-drittijiet fundamentali;

G. billi l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) fetaħ investigazzjoni dwar allegazzjonijiet li jikkonċernaw l-Aġenzija, prinċipalment dwar fastidju, imġiba ħażina u ritorn furzat ta' migranti;

H. billi, minn Diċembru 2019, l-Aġenzija bdiet timplimenta mandat ġdid b'żieda importanti u essenzjali f'termini ta' missjonijiet u persunal, li jeħtieġu baġit adegwat;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2019 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,84 %, li tirrappreżenta żieda ta' 1,46 % meta mqabbla ma' dik tal-2018; jinnota bi tħassib li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet baxxa (69,13 %), li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,56 % meta mqabbla ma' dik tal-2018;

2. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li, fl-2019, l-Aġenzija kellha ftehimiet ta' finanzjament ma' pajjiżi li jikkooperaw għal attivitajiet operattivi, li jirrappreżentaw 55 % tal-baġit tal-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija ħadet passi biex ittejjeb il-verifiki *ex ante* u introduċiet mill-ġdid verifiki *ex post* fuq ir-rimborżi fl-2019; jesprimi tħassib dwar l-enfasi tal-Qorti li r-rimborż tal-infiq relatat mat-tagħmir għadu bbażat fuq l-ispejjeż reali u jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-proġett biex l-Aġenzija tgħaddi għar-rimborżi bbażati fuq il-kost unitarju għadu ma tlestiex; jaċċentwa li l-proċedura għadha ma tlestietx minkejja li din hija sitwazzjoni rikorrenti li kienet tqajmet fil-proċedura ta' kwittanza preċedenti; jinnota bi tħassib kbir mir-rapport tal-Qorti li l-pajjiżi li jikkooperaw mhux dejjem kienu ppreżentaw talbiet għall-ispejjeż sostnuti minn fatturi, jew minn evidenza oħra, li jissostanzjaw b'mod xieraq l-ispejjeż reali li saru fl-operazzjonijiet u li kien hemm dewmien biex jiġu pprovduti dokumenti ta' prova; fl-istess ħin, ir-rapport tal-Qorti jisħaq li d-dmir li tiġi ppreżentata evidenza ta' prova preċiża u f'waqtha flimkien mat-talbiet għall-ispejjeż jaqa' fuq il-pajjiżi li jikkooperaw; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li matul il-kontroll *ex post* l-Aġenzija aċċertat l-infiq li kien hemm dubju dwaru b'rendikonti bankarji u li l-benefiċjarju ġie nnotifikat li l-fatturi pro forma mhux se jibqgħu jiġu aċċettati aktar bħala dokumenti ta' prova anke jekk tali fatturi jkunu rrispettaw il-qafas regolatorju nazzjonali applikabbli; barra minn hekk, id-dewmien fil-forniment tad-dokumenti ta' prova kien assoċjat mal-implimentazzjoni ta' skema ta' għotjiet simplifikata għall-iskjerament ta' uffiċjali, u l-proċedura ta' pagament finali fl-2019 għalhekk kienet estiża ħafna sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda; jinsab profondament mhux sodisfatt bin-nuqqas ta' impenn biex it-tmexxija tal-Aġenzija tindirizza din is-sitwazzjoni; jappella lill-Aġenzija twaqqaf ir-rimborżi kollha li fadal għal kwalunkwe talba ta' spejjeż mhux appoġġjati minn fatturi; iħeġġeġ lill-Aġenzija tiffinalizza minnufih it-tranżitu lejn rimborżi bbażati fuq il-kost unitarju u tapplika bis-sħiħ il-prinċipji kollha tal-ġestjoni finanzjarja tajba;

3. Jiddeplora l-fatt li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija mmodifikat l-arranġamenti kuntrattwali tax-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni li saru fil-bini tal-Aġenzija fi stadju avvanzat tal-proġett u introduċiet il-possibbiltà ta' prefinanzjament għax-xogħlijiet li għad iridu jitlestew, għalkemm inizjalment il-ħlasijiet kellhom isiru biss meta x-xogħlijiet jiġu aċċettati u jinnota bi tħassib kbir li bħala riżultat ta' dan kien intilef element ewlieni ta' kontroll u l-użu tal-fondi ma kienx jirrifletti l-progress reali tax-xogħlijiet; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li l-prefinanzjament kien soluzzjoni li ppermettiet li titkompla r-rikostruzzjoni tal-bini u li jinżamm il-kontroll ewlieni tal-Aġenzija peress li l-prefinanzjament tħallas lil sid il-kera, li ma setax jagħmel ħlas lill-kuntrattur qabel ma parti mix-xogħlijiet kompluti kienet aċċettata mill-Aġenzija u kwalunkwe fond mhux użat kien ritornat lill-Aġenzija minn sid il-kera, li kollha kienu ggarantiti minn salvagwardji kuntrattwali; jappella lill-Aġenzija biex tirrieżamina l-mekkaniżmi tagħha rigward tali pagamenti u tiżgura l-konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba;

4. Iqis li l-ispjegazzjoni tal-Aġenzija hija partikolarment dgħajfa, fid-dawl tal-informazzjoni dwar każ possibbli ta' frodi li jinvolvi software tal-IT Pollakk fejn ġie applikat *modus operandi* simili;

5. Jindika r-rapporti riċenti fil-midja dwar eventi annwali għaljin, li l-ispejjeż tagħhom ammontaw għal kważi nofs miljun euro fl-2019; ifakkar li l-Aġenzija hija ffinanzjata minn flus il-kontribwenti tal-Unjoni; jilqa' f'dan ir-rigward id-deċiżjoni tal-Aġenzija li twaqqaf l-event annwali li jiswa ħafna flus; jappella lill-Aġenzija biex tkun aktar prudenti meta timplimenta l-baġit, f'dak li għandu x'jaqsam mal-organizzazzjoni ta' eventi;

Prestazzjoni

6. Jinnota li l-Aġenzija tuża ċerti miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha u tuża wkoll miżuri oħra biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha, bħal livell ta' sodisfazzjon permezz ta' stħarriġ online, evalwazzjoni ta' pagament tard u rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti; jappella lill-Aġenzija tiċċara għaliex ir-"rifjut ta' dħul" huwa parti mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni;

7. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tal-Aġenzija bħala l-pedament tal-isforzi tal-Unjoni biex tissalvagwardja l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u biex tiggarantixxi l-libertà ta' moviment mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni; jissottolinja li l-Aġenzija, permezz tal-mutwalizzazzjoni tar-riżorsi u l-mezzi fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-politika dwar il-migrazzjoni, hija l-għodda ewlenija tas-solidarjetà tal-Unjoni f'dan il-qasam;

8. Jinnota li r-Regolament (UE) 2019/1896 ġie adottat fit-13 ta' Novembru 2019 u daħal fis-seħħ fl-4 ta' Diċembru 2019, b'mandat u riżorsi estiżi inkluż il-ħolqien tal-korp permanenti b'setgħat eżekuttivi; jinnota li l-Aġenzija kellha timplimenta ristrutturar intern kbir u ffaċċjat l-isfida li tfassal kompiti ġodda biex tissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-mandat il-ġdid; jinnota li l-Aġenzija ffaċċjat tnaqqis mhux previst fl-għadd ta' amministraturi li kellhom jiġu impjegati fl-2020, li wassal għal aġġustamenti fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija; jinsab imħasseb dwar it-tul tad-diskussjoni li għaddejja bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni dwar dawk l-aġġustamenti; jappella lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija jsibu malajr soluzzjoni adegwata biex jiżguraw implimentazzjoni xierqa u f'waqtha tal-mandat il-ġdid tal-Aġenzija;

9. Jissottolinja l-isfidi maħluqa miċ-ċiklu twil ta' ppjanar li jwassal għall-adozzjoni tad-dokument uniku ta' programmazzjoni, iffaċċjati mill-Aġenzija fid-dawl tal-ambjent volatili li fih hija qiegħda topera;

10. Jinnota li l-ewwel strateġija teknika u operattiva Ewropea għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri ġiet adottata f'Marzu 2019;

11. Jinnota li l-Aġenzija ħadet it-tmexxija fl-inizjattiva biex tistabbilixxi spazju komuni ta' uffiċċji ta' kollegament fi Brussell għall-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, sabiex tibbenefika minn użu effiċjenti tar-riżorsi, biex taqsam il-faċilitajiet u s-servizzi u biex trawwem l-effett ta' networking; jinnota wkoll li qiegħed jiġi ffinalizzat arranġament amministrattiv b'rekwiżiti relatati mal-ispazju komuni ta' uffiċċji u t-termini ta' kooperazzjoni fost issħab u li l-passi li jmiss, previsti għall-perjodu 2020-2021, ser ikunu l-akkwist, l-armar u eventwalment ir-rilokazzjoni għall-bini l-ġdid;

12. Jesprimi tħassib kbira dwar is-sejbiet tal-Qorti tas-sena preċedenti, li għalkemm l-Aġenzija daħlet fil-bini attwali tagħha fl-2014, l-Aġenzija għad m'għandha ebda pjan komprensiv għall-kontinwità operazzjonali approvat mill-bord maniġerjali; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li qed jiġu żviluppati politika ta' kontinwità operazzjonali ad interim u pjan għall-kontinwità operazzjonali u li l-adozzjoni tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali kienet prevista għall-2020; jappella lill-Aġenzija tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza rigward l-istadji ta' adozzjoni u implimentazzjoni tal-pjan tal-kontinwità tan-negozju;

13. Jinnota li skont l-Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896, l-Aġenzija, bil-kontribut tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u soġġetta għall-approvazzjoni tiegħu, għandha tfassal, timplimenta u tiżviluppa aktar l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar id-drittijiet fundamentali, inkluż mekkaniżmu effettiv għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tal-Aġenzija; jinnota li l-pjan ta' azzjoni għandu jimplimenta l-istrateġija billi jiżgura salvagwardji prattiċi tad-drittijiet fundamentali li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-attivitajiet operattivi tal-Aġenzija; jiddeplora l-fatt li dan il-pjan ta' azzjoni għadu ma ġiex adottat;

14. Jiddeplora l-fatt li minkejja l-appelli ripetuti tal-Parlament u ż-żieda ġenerali sinifikanti tal-persunal għall-Aġenzija, l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għad m'għandux riżorsi umani adegwati, u għalhekk huwa ostakolat b'mod ċar fit-twettiq tal-kompiti responsabbli għalihom; iħeġġeġ lill-Aġenzija tipprovdi lill-uffiċjal tagħha għad-drittijiet fundamentali bir-riżorsi u l-persunal adegwati, b'mod partikolari biex ikompli jiżviluppa u jimplimenta l-istrateġija tal-Aġenzija li timmonitorja u tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali; ifakkar lill-Aġenzija fl-importanza li taderixxi mar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([3]); jappella lill-Aġenzija tistabbilixxi mekkaniżmu regolari li permezz tiegħu l-Aġenzija tinforma lill-Membri tal-Parlament Ewropew dwar l-operazzjonijiet li jkunu għaddejjin, anki dwar inċidenti serji u rapporti oħra dwar vjolenza u nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni;

15. Jisħaq fuq l-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' proċeduri ta' operazzjonijiet u ġestjoni interni; jisħaq fuq il-ħtieġa li ċ-Ċentru jibqa' jkun proattiv f'dak ir-rigward biex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji akkost ta' kollox; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

16. Jinnota, mit-tweġiba tal-Aġenzija, li ġie stabbilit tim intern tas-sigurtà tal-ICT u taċ-ċibersigurtà; jinkoraġġixxi lill-Aġenzija tiffinalizza mingħajr dewmien żejjed il-pjan ta' azzjoni tagħha dwar iċ-Ċibersigurtà għall-2020-2025; jappella lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Aġenzija fis-sejba ta' soluzzjonijiet biex tavvanza d-diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija;

17. Jilqa' l-ħolqien ta' reġistru ta' dokumenti iżda jikkunsidra li r-reġistru attwali ma jissodisfax ir-rekwiżiti ġuridiċi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([4]), peress li d-dokumenti kollha li huma prodotti jew miżmuma mill-Aġenzija għandhom ikunu elenkati fir-reġistru; jirrikonoxxi li skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, l-Aġenzija għandha tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti fejn dan ikun fl-interess pubbliku għal dak li jikkonċerna s-sigurtà pubblika, kwistjonijiet relatati mad-difiża u mal-militar, ir-relazzjonijiet internazzjonali jew il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru; itenni l-appell tiegħu lill-Aġenzija biex tiżgura t-trasparenza sħiħa fl-attivitajiet kollha tagħha; jappella lill-Aġenzija, b'mod aktar speċifiku, fid-dawl taż-żieda sinifikattiva ulterjuri u ġenerali mistennija fil-baġit tal-Aġenzija fis-snin li ġejjin u r-responsabbiltajiet imsaħħa tagħha, tipprovdih b'aktar informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha fuq l-attivitajiet operazzjonali tagħha skont il-kapitolu fejn telenka l-attivitajiet preċiżi ffinanzjati taħt l-artikoli u l-punti; jiddispjaċih li r-rapport tal-Qorti jivvaluta biss il-legalità u r-regolarità tal-infiq tal-Aġenzija; jitlob lill-Qorti, fid-dawl tad-daqs u l-portata tal-baġit tal-Aġenzija, twettaq valutazzjoni aktar kwalitattiva tal-prestazzjonijiet tagħha fil-futur, li tippermetti l-awtorità tal-kwittanza tivvaluta aħjar kif qed jintefaq il-baġit tal-Aġenzija;

Politika dwar il-persunal

18. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li fil-31 ta' Diċembru 2019, 75,83 % biss tat-tabella tal-persunal kienet implimentata, bi 367 aġent temporanju maħtura minn total ta' 484 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 418-il post tax-xogħol awtorizzati fl-2018); jinnota li, barra minn hekk, fl-2019 ħadmu għall-Aġenzija 214-il aġent kuntrattwali u 168 espert nazzjonali sekondat;

19. Jinnota l-proċedura ta' reklutaġġ li għaddejja bħalissa tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, il-viċi uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali; jissottolinja l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Aġenzija u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fl-2019 dwar l-istabbiliment tal-kriterji tal-għażla speċifiċi għar-reklutaġġ tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u l-40 osservatur tad-drittijiet fundamentali; jiddispjaċih, madankollu, għad-dewmien fil-proċeduri ta' reklutaġġ; ifakkar li skont ir-Regolament (UE) 2019/1896, l-Aġenzija kienet obbligata li tkun irreklutat tal-inqas 40 osservatur tad-drittijiet fundamentali sal-5 ta' Diċembru 2020; jinnota li l-ewwel grupp ta' osservaturi tad-drittijiet fundamentali kien mistenni li jiġi reklutat f'Marzu 2021; jinnota li l-ambitu tad-dmirijiet tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali żdied bir-Regolament (UE) 2019/1896 u b'hekk il-kariga kellha tiġi definita bħala funzjoni ta' maniġment intermedju li teħtieġ proċedura tal-għażla speċifika; jinnota li dawn il-bidliet fl-organizzazzjoni u fil-persunal qajmu ambigwitajiet rigward l-implikazzjonijiet legali u l-implimentazzjoni; jappella lill-Aġenzija tipprijoritizza t-trattament tad-drittijiet fundamentali; jinsisti għaldaqstant li l-Aġenzija tirrekluta 40 osservatur tad-drittijiet fundamentali fil-livell AD adatt kif meħtieġ skont l-Artikolu 110(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896 mingħajr dewmien żejjed u tiżgura li l-osservaturi futuri tad-drittijiet fundamentali jkollhom il-pożizzjoni meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti;

([3]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

20. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri rrapportat għall-2019, b'mod partikolari fil-livell tal-bord maniġerjali (48 raġel u 8 nisa); jistieden lill-Aġenzija ttejjeb l-iżbilanċ sinifikanti bejn il-ġenerifil-livell tal-bord maniġerjali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw lill-membri tagħhom fil-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija;

21. Jinnota li l-Aġenzija adottat politika dwar il-ħarsien tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju fl-1 ta' Awwissu 2019; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-ħames każijiet ta' fastidju rrapportati mill-Aġenzija fl-2019 u jinnota li aktar reċentement saru allegazzjonijiet oħra ta' fastidju minn informaturi; jappella lill-bord maniġerjali biex jivvaluta jekk il-politika tal-Aġenzija dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju hijiex tiġi implimentata b'mod korrett u hijiex effettiva;

22. Jesprimi tħassib dwar rapporti minn investigazzjonijiet ġurnalistiċi rigward l-attitudni ta' uffiċjali ta' grad għoli lejn il-persunal ta' grad aktar baxx; jaċċentwa b'mod partikolari t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' insulti u mġiba ta' nuqqas ta' rispett lejn il-persunal, kif ukoll kummenti li allegatament il-mekkaniżmi ta' kontroll fl-Aġenzija qegħdin isiru inqas effettivi; jinnota li l-Aġenzija ma kienet irrapportat ebda lment uffiċjali dwar dawn l-azzjonijiet; jinnota li skont il-mandat tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Frontex se jimmonitorja l-ġestjoni interna tal-Aġenzija, inklużi l-proċeduri għar-rappurtar u t-trattament tal-ilmenti; iħeġġeġ lill-Aġenzija tikkoopera mal-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Frontex biex tiċċara kwalunkwe tħassib f'dan ir-rigward u ssegwi r-rakkomandazzjonijiet futuri li saru rigward dan l-aspett dwar il-funzjonament tal-Aġenzija;

23. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li, fl-2019, l-Aġenzija kompliet tirrekluta persunal ġdid f'konformità mal-mandat estiż tagħha, b'reklutaġġ ta' 218-il impjegat ġdid għal dik is-sena; jinnota li, għalkemm il-proċedura ta' reklutaġġ titqies li rnexxiet, l-Aġenzija għandha ttejjeb il-gwida mogħtija lill-membri tal-kumitat ta' selezzjoni u tivverifika aktar mill-qrib id-drittijiet finanzjarji tal-kandidati għall-pagamenti tas-salarji; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li l-Aġenzija torganizza taħriġ għall-membri tal-kumitat ta' selezzjoni biex tiżgura li jkollhom għarfien xieraq biex iwettqu r-rwol tagħhom, filwaqt li jirrispettaw il-marġni ta' diskrezzjoni u indipendenza li jkollu kull kumitat ta' selezzoni; barra minn hekk, id-drittijiet u l-intitolamenti stabbiliti għall-membri tal-persunal ġew ikkomunikati fis-6 ta' Frar 2020, wara li ġie ppubblikat u eżegwit il-ħlas tas-salarji; jinnota li s-salarji tal-impjegati ġodda huma vverifikati mad-deċiżjonijiet u, fejn jinstabu diskrepanzi, l-impjegat il-ġdid irid ikun infurmat sat-tnax-il jum tax-xahar; jinnota bi tħassib ir-rapporti riċenti fil-midja li skonthom l-Aġenzija ma kkomunikatx kif suppost lill-kandidati dwar l-istatus tal-proċeduri ta' reklutaġġ; iħeġġeġ lill-Aġenzija ttejjeb il-komunikazzjoni tagħha f'dan ir-rigward;

24. Jinnota li l-2019 kienet ir-raba' sena tal-pjan ta' tkabbir ta' ħames snin wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624 ([5]) li żied b'mod sinifikanti l-baġit u l-persunal tal-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija bdiet tranżizzjoni lejn sistema ta' reklutaġġ-e mingħajr karti u bbażata fuq il-cloud, li kienet mistennija tkun operattiva fis-sajf tal-2020; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija qed tiffaċċja sfidi biex tattira kandidati esterni xierqa u biex tikseb bilanċ ġeografiku sod l-aktar minħabba l-koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx; jissottolinja li l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni jvarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor, u dan għandu impatt serju fuq kemm l-aġenziji li jinsabu fi Stati Membri b'koeffiċjenti ta' korrezzjoni aktar baxxi huma kapaċi jirreklutaw u jżommu l-persunal u l-għarfien espert; jisħaq li l-aġenziji li jinsabu f'pajjiżi fejn jiġi applikat koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx għandhom jirċievu appoġġ ulterjuri mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' miżuri komplementari sabiex isiru aktar attraenti għall-persunal attwali u prospettiv; jappella lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt u l-vijabbiltà li jiġu applikati koeffiċjenti ta' korrezzjoni tal-pagi bbażati fuq valutazzjoni reġjonali aktar milli nazzjonali; jenfasizza li normalment il-kwartieri ġenerali tal-aġenziji li jinsabu fi Stati Membri b'koeffiċjenti ta' korrezzjoni aktar baxxi jinsabu fi bliet kapitali fejn l-ispejjeż għall-għajxien u s-sussistenza huma wisq ogħla milli f'partijiet oħra tal-pajjiżi;

25. Jesprimi tħassib kbir li minkejja li kellha konoxxenza, sa minn Marzu 2019, tal-bidliet li daħlu fis-seħħ f'Diċembru 2019 fir-rigward tar-rwol u l-kompetenzi tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u tal-osservaturi tad-drittijiet fundamentali, it-tmexxija eżekuttiva tal-Aġenzija ma ħaditx il-miżuri meħtieġa biex tadatta għal dawk il-bidliet u dan irriżulta f'dewmien ripetut fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-Aġenzija; jiddeplora bil-qawwa l-mod li bih, fi tmiem l-2019, id-direttur eżekuttiv iddeċieda li jaqbeż il-bord maniġerjali fil-proċedura ta' bidla ta' uffiċjal għad-drittijiet fundamentali; jinnota bi tħassib li l-proċedura bdiet mar-ritorn ta' uffiċjal għad-drittijiet fundamentali minn marda estiża u li informa lil min hu responsabbli fi żmien qasir ħafna; jaċċentwa li l-Aġenzija kellha tissospendi l-pubblikazzjoni tan-nota ta' post battal għall-kariga ta' uffiċjal għad-drittijiet fundamentali minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti; jissottolinja l-kummenti

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni bħala "sempliċement illegali"; jieħu nota li attwalment il-kariga ta' uffiċjal għad-drittijiet fundamentali hija okkupata *ad interim* minn ex membru tal-kabinett tad-direttur eżekuttiv; jinsab imħasseb serjament dwar ir-rapporti fil-midja li d-direttur eżekuttiv ripetutament injora r-rapporti u l-pariri mingħand l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali rigward l-operazzjonijiet tiegħu f'diversi Stati Membri; jissottolinja li sa Frar 2021 l-Aġenzija ma kinitx irreklutat persuna waħda għall-kariga ta' osservatur tad-drittijiet fundamentali; jesprimi tħassib serju dwar il-kummenti tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' rieda tal-Aġenzija li timplimenta l-gwida pprovduta mill-Kummissjoni fir-rigward tar-reklutaġġ, inkluż ir-reklutaġġ ta' uffiċjal u osservaturi tad-drittijiet fundamentali, li tkompli tostakola u ddewwem dan il-proċess; iħeġġeġ lill-Aġenzija tikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi kollha derivati mir-Regolament (UE) 2019/1896 u tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress li jkun sar;

26. Jirrikonoxxi li l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali ntgħażel fil-laqgħa tal-bord maniġerjali f'Marzu u se jibda jaqdi dmirijietu fl-1 ta' Ġunju 2021; jinnota li, minn April 2021, 15-il applikant għall-pożizzjonijiet ta' Osservaturi tad-Drittijiet Fundamentali aċċettaw l-offerta ta' impjieg tal-Aġenzija, li minnhom 10 se jkunu impjegati bħala AST 4 u 5 se jkunu impjegati bħala AD 7, b'dati tal-bidu antiċipati għal nofs Ġunju u l-bidu ta' Lulju 2021;

27. Jinnota li l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1896 ġabet bidliet fl-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija; jinnota li l-portafoll tat-tliet viċi diretturi eżekuttivi kellu jiġi definit u vvalutat; jinnota li f'Diċembru 2020 il-bord maniġerjali adotta struttura organizzattiva emendata tal-Aġenzija; jenfasizza li t-tliet viċi diretturi eżekuttivi jeħtieġu kompetenzi u oqsma ta' responsabbiltajiet definiti b'mod ċar biex tiżdied it-trasparenza u l-kapaċità li tittieħed azzjoni;

28. Jinkoraġġixxi lill-Aġenzija taħdem għall-iżvilupp ta' qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà;

Akkwist

29. Jinnota li l-Aġenzija, permezz tal-uffiċċju tagħha għall-ispezzjoni u l-kontroll, qed tipparteċipa fin-network għall-iżvilupp tal-prestazzjoni tan-Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea; jinnota li l-Aġenzija tipparteċipa wkoll fin-Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea tal-Uffiċjali tal-Akkwist, filwaqt li tivvaluta offerti interistituzzjonali f'termini ta' ħtiġijiet u riżorsi finanzjarji;

30. Jinnota l-akkwist mill-Aġenzija ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod għal sorveljanza mill-ajru fuq il-baħar b'reżistenza twila f'altitudni medja f'kuntratt qafas li jammonta għal massimu ta' EUR 50 miljun u tul massimu totali tal-kuntratt ta' erba' snin għal kull wieħed mill-kuntratturi rispettivi fl-2020; ifakkar li kemm is-salvazzjoni tal-migranti f'diffikultà fil-fruntiera esterna kif ukoll l-akkwist ta' tagħmir tekniku li jiżgura l-ġestjoni tal-fruntieri huma partijiet essenzjali tal-missjoni tal-Aġenzija u jħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli ssegwi r-regoli tal-akkwist applikabbli meta takkwista tagħmir tekniku;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, etika u trasparenza

31. Jinnota n-nuqqasijiet fil-miżuri eżistenti tal-Aġenzija rigward it-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota li l-politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta ġiet adottata fit-18 ta' Lulju 2019 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2019; jiddispjaċih li mhux is-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess kollha tal-membri tal-bord maniġerjali huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija; iħeġġeġ lill-Aġenzija, bl-għan li żżid it-trasparenza, tippubblika s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess għall-membri kollha tal-bord maniġerjali tagħha, id-direttur eżekuttiv, u l-viċi direttur eżekuttiv u tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward;

32. Jaċċentwa l-involviment akbar tal-Aġenzija f'tipi ġodda ta' akkwisti u offerti għal servizzi, tagħmir, proġetti esternalizzati u studji biex jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/1896; ifakkar li l-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġistru tat-trasparenza għall-organizzazzjonijiet u l-individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil tal-politiki u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE ([6]) (il-"Ftehim Interistituzzjonali tal-2014") huwa bbażat fuq l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2014 huwa vinkolanti kemm għall-Parlament kif ukoll għall-Kummissjoni; ifakkar li l-paragrafu 35 tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2014 jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill biex jissieħbu fir-reġistru u jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni biex jużaw il-qafas maħluq f'dan il-ftehim; jinnota li l-Aġenzija qatt ma informat uffiċjalment lis-Segretarjat Konġunt dwar deċiżjoni biex tuża r-reġistru ta' trasparenza; jappella lill-Aġenzija biex tistabbilixxi reġistru koerenti u uffiċjali biex tipprovdi trasparenza

([6]) ĠU L 277, 19.9.2014, p. 11.

rigward l-interazzjonijiet tagħha ma' partijiet ikkonċernati interessati kif previst fl-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) 2019/1896; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija bħalissa qiegħda tiżviluppa reġistru ta' trasparenza tagħha biex tevita ambigwitajiet rigward l-interazzjonijiet tagħha ma' partijiet ikkonċernati interessati relatati ma' akkwisti u offerti għal servizzi, tagħmir jew proġetti u studji esternalizzati; jappella lill-Kummissjoni tassisti lill-Aġenzija fid-definizzjoni ta' qafas adegwat għar-reġistru li jipprovdi ċarezza legali rigward ir-regoli ta' trasparenza filwaqt li tqis ir-rekwiżiti speċjali ta' sensittività u ta' sigurtà li n-natura tal-attivitajiet tal-Aġenzija titlob;

33. Jinnota bi tħassib kbir li skont investigazzjonijiet ġurnalistiċi bbażati fuq dokumenti magħmula disponibbli mill-Aġenzija skont il-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-libertà tal-informazzjoni, bejn l-2018 u l-2019 l-Aġenzija kellha diversi laqgħat ma' rappreżentanti tal-industriji rilevanti għall-qasam ta' ħidma tagħha, b'70 % minnhom ikunu laqgħat ma' rappreżentanti ta' kumpaniji li mhumiex elenkati fir-reġistru ta' trasparenza tal-Unjoni; jinnota li l-Aġenzija kellha laqgħat ma' diversi kumpaniji fil-qasam tat-teknoloġija militari, is-sorveljanza u l-industriji tal-bijometrika matul l-ħekk imsejħa Jiem tal-Industrija tagħha fl-2019, inkluż ma' kumpaniji li naqsu milli jirreġistraw fir-reġistru ta' trasparenza tal-Unjoni; jiddeplora l-fatt li l-Aġenzija naqset milli tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni korretta rigward laqgħat ma' lobbisti fl-2019; jappella lill-Aġenzija taġġorna l-politika ta' trasparenza tagħha biex tiżgura pubblikazzjoni sistematika tal-informazzjoni dwar il-laqgħat mar-rappreżentanti tal-industriji rilevanti, filwaqt li telenka l-ambitu, it-tul ta' żmien u l-okkażjoni tal-laqgħat u żżomm lura milli tiltaqa' ma' kumpaniji li mhumiex irreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza tal-Unjoni; jappella lill-Aġenzija tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress li sar f'dan ir-rigward sa Ġunju 2021;

34. Jissottolinja l-fatt li l-qafas etiku attwali applikabbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jbati minn nuqqasijiet konsiderevoli minħabba l-frammentazzjoni tiegħu u n-nuqqas ta' koordinazzjoni li fih bejn id-dispożizzjonijiet eżistenti; jaċċentwa li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati billi jiġi stabbilit qafas etiku komuni, li jiżgura l-applikazzjoni ta' standards etiċi għoljin għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni;

35. Jissottolinja li ċerti uffiċjali jimlew dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess u jipprovdu awtovalutazzjonijiet fir-rigward tar-rispett tal-istandards etiċi; jenfasizza, madankollu, li tali awtodikjarazzjonijiet u awtovalutazzjonijiet mhumiex biżżejjed u li għalhekk huwa meħtieġ skrutinju addizzjonali;

Kontrolli interni

36. Jinnota li, skont il-pjan tal-2019-2020 għall-kontrolli *ex post* tal-għotjiet li tlestew, l-uffiċċju għall-ispezzjoni u l-kontroll tal-Aġenzija wettaq spezzjonijiet fi 8 Stati Membri u f'10 istituzzjonijiet;

37. Jinnota li, fl-2019, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu dwar il-governanza tal-IT u l-ġestjoni tal-proġetti, li rriżulta f'żewġ rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" u żewġ rakkomandazzjonijiet "importanti" li ġew aċċettati mill-Aġenzija, u li ġie adottat u ppreżentat pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet lill-IAS;

38. Jinnota li, mill-5 ta' Frar 2020, ħames rakkomandazzjonijiet għandhom l-istatus ta' "lesti għal rieżami" u qed jistennew deċiżjoni finali mill-IAS u li 11-il rakkomandazzjoni għandhom l-istatus ta' "pendenti" u għad iridu jiġu implimentati;

39. Jiddeplora l-fatt li rigward is-segwitu mis-sejbiet tal-Qorti tas-sena preċedenti li l-Aġenzija ma għandhiex politika dwar "kariga sensittiva" li tidentifika funzjonijiet sensittivi, iżżommhom aġġornati u tiddefinixxi miżuri xierqa biex tnaqqas ir-riskji ta' interessi vestiti; jirrikonoxxi mir-risposta tal-Aġenzija li abbozz ta' politika ġie ffinalizzat fl-2019 iżda minħabba l-possibbiltà ta' evalwazzjoni mill-ġdid ġie sospiż u kellu jitqies għall-adozzjoni fit-tielet trimestru tal-2020; iħeġġeġ lill-Aġenzija tadotta u timplimenta l-politika kemm jista' jkun malajr biex tkun konformi mal-istandards ta' kontroll intern tal-Aġenzija; jappella lill-Aġenzija tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress li jkun sar f'dan il-qasam sa Ġunju 2021;

40. Jappella lill-Aġenzija tieħu azzjoni korrettiva b'mod urġenti fir-rigward tal-osservazzjonijiet pendenti kollha tal-Qorti, inklużi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika fir-rigward ta' postijiet sensittivi b'mod konformi mal-istandards dwar il-kontroll intern tagħha stess u tindirizza r-riskju ta' finanzjament doppju mill-Fond għas-Sigurtà Interna ġestit mill-Kummissjoni u l-finanzjament tal-Aġenzija, u tindirizza l-livell tar-riporti, li għadu għoli;

41. Itenni l-appell tiegħu lill-Aġenzija biex tiżgura, fl-attivitajiet kollha tagħha, it-trasparenza totali u r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali; jisħaq fuq li l-mandat imsaħħaħ tal-Aġenzija għandu jimxi id f'id mat-tisħiħ tal-mekkaniżmi biex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali; jinnota li l-infurzar tal-liġi jiddependi fuq il-fiduċja tal-pubbliku u dan jirrikjedi trasparenza; jisħaq, barra minn hekk, fuq li l-eżerċizzju tas-setgħa jkun proporzjonat ma' livell għoli ta' responsabbiltà u diliġenza dovuta; ifakkar lill-partijiet kollha involuti biex jirrispettaw b'mod reċiproku l-kompetenzi tagħhom u jimpenjaw ruħhom f'kooperazzjoni kostruttiva biex jegħlbu l-isfidi relatati mal-espansjoni rapida tal-Aġenzija u biex ikomplu jwettqu l-missjoni u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija;

Kummenti oħra

42. Josserva, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mal-bini tal-kwartieri ġenerali l-ġodda u t-twaqqif ta' skola Ewropea f'Varsavja, li fl-2019 biċċa art adegwata kienet attribwita lill-Aġenzija mill-awtoritajiet Pollakki u għaddej l-ippjanar biex jinbnew binjiet iddisinjati apposta għall-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija sal-aħħar tal-2024, u li l-akkreditazzjoni tal-iskola Ewropea kienet għadha għaddejja fl-2020 u l-iskola ħabbret li hija lesta biex tibda topera parzjalment mis-sena akkademika 2020/2021;

43. Jappella lill-Aġenzija tkompli żżid il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza fir-rigward tar-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-binjiet, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà;

44. Jinnota li l-erba' kawżi legali pendenti kollha nqatgħu sal-aħħar tal-2019 u li għall-kawżi kollha r-riżultat kien favur l-Aġenzija; jinsab imħasseb ħafna li l-Aġenzija ordnat li tirkupra tariffi legali li jammontaw għal EUR 23 700 minn żewġ individwi fil-kawża T-31/18 tal-Qorti Ġenerali rigward talbiet għal aċċess għal dokumenti; jinnota li l-Qorti naqqset dan l-ammont għal EUR 10 520; jenfasizza li l-impożizzjoni ta' tariffi legali eċċessivament għoljin fuq is-soċjetà ċivili għandha effett dissważiv fuq l-aċċess tas-soċjetà ċivili għall-ġustizzja fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti, li huwa dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 42 tal-Karta, u timmina d-dritt tagħha għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta; jistieden lill-Aġenzija tirtira, f'dan il-każ, it-talba tagħha għall-irkupru tal-ispejjeż u żżomm lura milli tfittex li tirkupra l-ispejjeż ta' avukati esterni minn applikanti f'kawżi fil-qorti abbażi tal-aċċess għal talbiet għal informazzjoni fil-futur;

45. Jinnota l-allegazzjonijiet ripetuti mill-awtoritajiet Griegi dwar il-kompliċità tal-Aġenzija fil-ksur tad-drittijiet fundamentali rigward l-involviment tagħha fir-ritorn furzat tal-migranti; ifakkar li l-Aġenzija għandha l-mandat li tikkontrolla l-fruntieri filwaqt li tiżgura li l-kontrolli fil-fruntiera jitwettqu f'konformità mad-drittijiet fundamentali, il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/399 ([7]) u fir-Regolament (UE) 2019/1896, li fl-Artikolu 46 tagħha tobbliga lid-direttur eżekuttiv jissospendi, itemm jew ma jnedix attivitajiet f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali; jinnota l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Aspetti Operattivi Legali fil-Baħar Eġew (WG FRaLO); jinnota li l-WG FRaLO identifika 13-il inċident rilevanti li aktar tard ġew eżaminati – 8 ġew iċċarati skont ir-rapport finali ([8]) tal-Grupp ta' Ħidma tal-BordManiġerjali tal-Frontex u 5 għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi involut il-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Frontex, stabbilit mill-Kumitat tal-Parlament għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, biex jiċċara b'mod sħiħ l-inċidenti; jistieden lill-Aġenzija tinforma regolarment lill-Parlament dwar il-ħidma tal-Aġenzija fil-fruntieri esterni; jilqa' l-adozzjoni mill-Aġenzija ta' Pjan Direzzjonali li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-WG FRaLO u li jirreaġixxi għall-allegazzjonijiet bi skeda ta' żmien ċara u objettivi speċifiċi ħafna ([9]);

([7]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

([8]) Fundamental Rights and Legal Operational Aspects of Operations in the Aegean Sea (Id-Drittijiet Fundamentali u l-Aspetti Operattivi Legali tal-Operazzjonijiet fil-Baħar Eġew), Rapport Finali tal-Grupp ta' Ħidma tal-Bord Maniġerjali tal-Frontex, 1 ta' Marzu 2021 (https://frontex.europa.eu/assets/Key_Documents/MB_Documents/Agenda_Point_WG_FRaLO_final_report.pdf).

([9]) Stqarrija għall-istampa tal-Frontex 2021-03-05 Roadmap addressing the recommendations of the preliminary report of the Management Board (Pjan direzzjonali li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport preliminari tal-Bord Maniġerjali) Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Aspetti Operattivi u Legali tal-Operazzjonijiet. https://frontex.europa.eu/media-centre/news/news-release/roadmap-addressing-recommendations-of-management-board-working-group-lBZxAh

46. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Aġenzija li tissospendi l-operazzjonijiet tagħha fil-fruntiera Ungeriża, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020 fil-Kawża C-808/18 ([10]); jinnota, madankollu, li l-allegazzjonijiet ikkonċernaw ritorn furzat illegali mifrux ta' migranti mill-awtoritajiet Ungeriżi diġà kienu dokumentati sew mill-NGO Hungarian Helsinki Committee; jiddispjaċih għaldaqstant dwar il-pass kajman tal-azzjoni meħuda mill-Aġenzija;

47. Jieħu nota tal-investigazzjoni dwar l-Aġenzija, imnedija mill-OLAF; jieħu nota tal-fatt li l-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Frontex ser jimmonitorja l-aspetti kollha tal-funzjonament tal-Aġenzija; jappella lill-Aġenzija biex tinforma minnufih lill-Membri tal-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tal-OLAF b'mod xieraq u legali li jirrispetta n-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni u r-regoli tal-protezzjoni tad-data;

48. Jinsab imħasseb dwar ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għall-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali mill-Aġenzija; jesprimi li mhux kuntent bin-nuqqas apparenti ta' komunikazzjoni kostruttiva u effettiva kif ukoll ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija jsaħħu l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni tagħhom mingħajr dewmien żejjed; jappella lill-Kummissjoni tipprovdi gwida legali biex tiżgura proċeduri xierqa, legali u f'waqthom għal sitwazzjonijiet kritiċi fil-fruntieri esterni (tal-baħar) minħabba l-isfidi ġeopolitiċi kumplessi ta' dawk l-operazzjonijiet;

49. Josserva li, minbarra t-tkabbir sinifikanti fid-daqs tal-Aġenzija kemm f'termini tal-baġit tagħha kif ukoll tal-persunal tagħha, l-Aġenzija għaddiet ukoll minn bidla fundamentali fin-natura, li hija kkaratterizzata l-aħjar mill-kapaċità tal-persunal tal-Kategorija 1 tal-korp permanenti li jġorr armi u jilbes uniformijiet; jinnota li dawn l-attributi uniċi jagħmlu lill-Aġenzija distinta fost il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji oħra kollha tal-Unjoni; għaldaqstant jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'koordinazzjoni mal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen, biex jiddefinixxu qafas legali profond li jipprovdi gwida ċara rigward l-aspetti kollha ta' dawk l-attivitajiet speċifiċi u uniċi tal-Aġenzija;

50. Jinnota li l-Ombudsman Ewropew fetħet inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar il-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-Aġenzija għal dawk li jqisu li d-drittijiet fundamentali tagħhom inkisru fil-kuntest ta' operazzjoni tal-Aġenzija; jappella lill-Aġenzija tikkoopera bis-sħiħ ma' din l-inkjesta u tirrapporta dwar kif ser timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew;

51. Jirrimarka li jinħtieġ approċċ kumpless sabiex is-siti web tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jsiru aċċessibbli għall-persuni b'kull tip ta' diżabbiltà, kif previst fid-Direttiva (UE) 2016/2102 ([11]), inkluża d-disponibbiltà tal-lingwi tas-sinjali nazzjonali; jissuġġerixxi li l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà jiġu involuti f'dak il-proċess;

52. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 ([12]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

53. Jenfasizza li t-tħassib identifikat fil-ġestjoni tal-Aġenzija fl-2019 ma jikkontestax l-eżistenza, il-leġittimità jew il-mandat tal-Aġenzija; ikompli jikkunsidra l-Aġenzija bħala għodda essenzjali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni bi dmir li tiżgura l-funzjonament xieraq taż-żona Schengen u l-libertà tal-moviment fl-Unjoni; jistenna li l-Aġenzija timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-WG FRaLO u tippreżenta azzjonijiet konkreti lill-awtorità tal-kwittanza bi skeda ta' żmien ċara biex tindirizza l-problemi identifikati; iqis li dawn il-passi huma kundizzjoni obbligatorja għall-għoti tal-kwittanza lill-Aġenzija;

([10]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs l-Ungerija, C-808/18, ECLI:EU:C:2020:1029.
([11]) Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).
([12]) Testi adottati, P9_TA(2021)0215.